II

*(Komunikazzjonijiet)*

# DIKJARAZZJONIJIET KONĠUNTI

## Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea

## Prijoritajiet leġiżlattivi tal-UE għall-2021

(2021/C 18 I/01)

Wara pandemija bla preċedent, l-Unjoni u ċ-ċittadini tagħha wrew ruħhom reżiljenti. Madankollu, il-qawmien mill-ġdid reċenti tal-coronavirus madwar l-Ewropa juri l-ħtieġa kbira li l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE jkomplu jaġixxu b'attenzjoni, solidarjetà, kawtela u koordinazzjoni fil-ġestjoni u t-tegħlib tal-kriżi. Fejn kienu meħtieġa bidliet leġiżlattivi urġenti biex jiġu protetti l-ħajjiet u l-għajxien, l-Ewropa wriet ir-riżoluzzjoni u l-kompetenza biex taġixxi malajr fl-ispirtu ta' solidarjetà Ewropea reali. L-UE ħadet ukoll azzjoni massiva biex tiġġieled l-effetti soċjoekonomiċi tal-pandemija, bl-adozzjoni ta' Qafas Finanzjarju Pluriennali li jammonta għal EUR 1 074 triljun u fond ta' rkupru "NextGenerationEU" ta' EUR 750 biljun. Il-Kummissjoni ser tkompli bl-isforzi tagħha biex tiżgura d-disponibbiltà mifruxa tal-vaċċini tal-COVID-19 għal dawk kollha fil-bżonn.

Il-prijoritajiet strateġiċi li ġew stabbiliti mill-istituzzjonijiet tal-UE fil-bidu ta' dan il-mandat – Ewropa aktar b'saħħitha, aktar ekoloġika, aktar diġitali, aktar ġusta u soċjali, li ma tħalli lil ħadd lura – ser ikomplu jiggwidaw id-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet tagħna u jagħmlu s-soċjetajiet u l-ekonomiji tagħna aktar reżiljenti. Aħna nibqgħu impenjati li nimplimentaw dawn il-prijoritajiet, insaħħu l-identità Ewropea u nużaw il-potenzjal sħiħ li joffru t-Trattati.

Din id-Dikjarazzjoni Konġunta għall-2021, li hija bbażata fuq il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għas-sena li ġejja, turi d-determinazzjoni komuni tagħna li nwettqu l-bidliet prattiċi mixtieqa miċ-ċittadini Ewropej. Issa wasal iż-żmien li nimxu mill-istrateġija għall-implimentazzjoni. Id-Dikjarazzjoni Konġunta tiġbed l-attenzjoni politika għall-proposti leġiżlattivi ewlenin ([1]) li jew diġà ġew ippreżentati mill-Kummissjoni Ewropea jew ser ikunu ppreżentati fil-ħarifa tal-2021. It-tliet Istituzzjonijiet ser jużaw l-aqwa sforzi tagħhom biex jiżguraw li jkun jista' jsir progress sa tmiem is-sena. Huma jfakkru fil-kontribut pożittiv tal-valutazzjonijiet tal-impatt fit-titjib tal-kwalità tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u li l-inizjattivi b'impatti ekonomiċi, ambjentali u soċjali sinifikanti inklużi fid-Dikjarazzjoni Konġunta, bħala regola ġenerali, ser ikunu akkumpanjati minn valutazzjoni tal-impatt.

It-tliet Istituzzjonijiet jaqblu li jagħtu l-akbar prijorità lill-inizjattivi li ġejjin, sabiex jinkisbu kemm jista' jkun sa tmiem l-2021 u biex jiġu stabbiliti l-pedamenti għat-trasformazzjoni, l-irkupru u r-reżiljenza futura tal-Ewropa:

1. **L-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew,** filwaqt li jiġi żgurat li t-tranżizzjoni klimatika tkun ġusta u li ħadd ma jitħalla barra, li l-UE tkun tista' tikseb newtralità klimatika sal-2050 u li jkun żgurat progress ambizzjuż lejn dak l-għan sal-2030, tiġi ppreservata l-bijodiversità, titreġġa' lura d-deforestazzjoni, il-mobbiltà ssir aktar intelliġenti u aktar sostenibbli u l-iżgurar tar-riżorsi naturali tagħna;

2. **Biex insawru d-Deċennju Diġitali tal-Ewropa**, ser naħdmu biex noħolqu suq uniku li jiffunzjona verament għas-servizzi diġitali fi ħdan konfini sikuri u etiċi, noħolqu qafas għal intelliġenza artifiċjali affidabbli, niżviluppaw tmexxija Ewropea b'miri diġitali għall-2030 u ekonomija tad-data vibranti, niżviluppaw qafas għall-UE kollha għal identifikazzjoni elettronika pubblika sigura, insaħħu l-privatezza fil-komunikazzjoni elettronika u niżviluppaw il-kompetenzi u r-reżiljenza taċ-ċibersigurtà tal-UE, b'mod partikolari fil-finanzi, filwaqt li nsegwu tassazzjoni diġitali ġusta; ser inkomplu mmexxu d-diġitalizzazzjoni 'l quddiem b'mod partikolari fir-rigward tal-edukazzjoni, it-taħriġ u s-saħħa kif ukoll is-sovranità diġitali u l-kapaċità innovattiva tal-Ewropa;

([1]) Skont il-Proċedura Leġiżlattiva Ordinarja

3. **Biex inwasslu Ekonomija għas-servizz tan-nies**, niżguraw li l-irkupru jasal għand is-soċjetà kollha, billi napprofondixxu s-suq uniku u nsaħħu l-industriji tagħna, nistinkaw għal aktar ġustizzja soċjali u prosperità, intaffu l-konsegwenzi negattivi tal-kriżi għall-gruppi soċjali vulnerabbli, inġeddu l-impenn tagħna għal settur kulturali vibranti u ekonomikament b'saħħtu. Fl-istess ħin, napprofondixxu l-Unjoni Ekonomika u Monetarja, insaħħu r-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-banek u s-swieq kapitali tal-Ewropa, niżguraw aktar trasparenza dwar it-tassazzjoni tan-negozji multinazzjonali; u niżguraw kompetizzjoni ġusta fl-UE u fix-xena globali;

4. **Biex l-Ewropa ssir aktar b'saħħitha fid-dinja**, ser insaħħu l-marka tal-Ewropa ta' tmexxija responsabbli globalment u sħubija b'saħħitha; aħna ninsabu lesti wkoll li nagħtu impetu mġedded qawwi lir-relazzjonijiet transatlantiċi tagħna. Nippromwovu regoli kummerċjali internazzjonali li jiġu infurzati kif suppost u li jipprovdu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni;

5. **Biex nippromwovu Ewropa ħielsa u sikura**, ser naħdmu biex naqblu dwar patt ġdid dwar l-ażil u l-migrazzjoni, biex niżguraw li l-migrazzjoni tiġi indirizzata b'mod komprensiv, u l-kontroll effettiv tal-fruntieri esterni tagħna; nipproteġu l-moviment liberu permezz tat-tisħiħ tal-qafas ta' Schengen; intejbu r-rispons tal-Ewropa għall-kriżijiet tas-saħħa. Ser naġixxu b'mod deċiżiv biex nipprevjenu t-tixrid ta' kontenut terroristiku u l-abbuż sesswali tat-tfal online;

6. **Biex nipproteġu u nsaħħu d-demokrazija tagħna u niddefendu l-valuri komuni Ewropej tagħna**, ser inkomplu nsaħħu l-kapaċità tal-UE li tiddefendi u tipproteġi l-istat tad-dritt u d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u tipproteġi liċ-ċittadini kontra theddid u reati emerġenti. Ser intejbu r-regoli dwar il-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, kif ukoll dwar ir-reklamar politiku. Ser niżguraw kooperazzjoni akbar fil-ġbir tal-evidenza fi proċedimenti kriminali u nieħdu passi ġodda biex insegwu l-ugwaljanza għall-irġiel u n-nisa fuq il-post tax-xogħol.

Barra minn hekk, infakkru fl-impenn tagħna:

— Għall-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda;

— Li naħdmu għal Ewropa ħielsa mid-diskriminazzjoni, bi drittijiet u opportunitajiet indaqs għal kulħadd;

— Li nsegwu politiki tat-tkabbir u tal-viċinat imsaħħa mill-ġdid u strateġija komprensiva mal-Afrika;

— Li nindirizzaw il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, il-frodi, l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa kif ukoll l-iżgurar ta' sistema tat-taxxa soda u ġusta;

— Li ninvolvu ruħna maċ-ċittadini sabiex ikollhom vuċi akbar dwar il-futur tal-Ewropa inkluż permezz tal-Konferenza li jmiss dwar il-Futur tal-Ewropa.

It-tliet Istituzzjonijiet ser jaħdmu flimkien fuq il-proposti pendenti kollha, iggwidati mill-prinċipji tal-valur miżjud Ewropew, is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. Ser inkomplu nimxu 'l quddiem b'riżoluzzjoni u kompetenza sabiex l-Ewropa tkun tista' tagħti riżultati liċ-ċittadini tagħha meta u fejn ikun l-aktar importanti.

Aħna impenjati favur l-implimentazzjoni korretta u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni eżistenti.

Aħna, bħala Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tal-Kummissjoni Ewropea, ser nimmonitorjaw regolarment l-implimentazzjoni f'waqtha u effiċjenti ta' din id-Dikjarazzjoni Konġunta.

Съставено в Брюксел на десети декември две хиляди и двадесета година.

Hecho en Bruselas, el diez de diciembre de dos mil veinte.

V Bruselu dne desátého prosince dva tisíce dvacet.

Udfærdiget i Bruxelles den tiende december to tusind og tyve.

Geschehen zu Brüssel am zehnten Dezember zweitausendzwanzig.

Kahe tuhande kahekümnenda aasta detsembrikuu kümnendal päeval Brüsselis.

Έγινε στις Βρυξέλλες, στις δέκα Δεκεμβρίου δύο χιλιάδες είκοσι.

Done at Brussels on the tenth day of December in the year two thousand and twenty.

Fait à Bruxelles, le dix décembre deux mille vingt.

Arna dhéanamh sa Bhruiséil, an deichiú lá de mhí na Nollag an bhliain dhá mhíle fiche.

Sastavljeno u Bruxellesu desetog prosinca godine dvije tisuće dvadesete.

Fatto a Bruxelles, addì dieci dicembre duemilaventi.

Briselē, divi tūkstoši divdesmitā gada desmitajā decembrī.

Priimta du tūkstančiai dvidešimtų metų gruodžio dešimtą dieną Briuselyje.

Kelt Brüsszelben, a kétezer-huszadik év december havának tizedik napján.

Magħmul fi Brussell, fl-għaxar jum ta' Diċembru fis-sena elfejn u għoxrin.

Gedaan te Brussel, tien december tweeduizend twintig.

Sporządzono w Brukseli dnia dziesiątego grudnia roku dwa tysiące dwudziestego.

Feito em Bruxelas, em dez de dezembro de dois mil e vinte.

Întocmit la Bruxelles la zece decembrie două mii douăzeci.

V Bruseli desiateho decembra dvetisícdvadsať.

V Bruslju, dne desetega decembra leta dva tisoč dvajset.

Tehty Brysselissä kymmenentenä päivänä joulukuuta vuonna kaksituhattakaksikymmentä.

Som skedde i Bryssel den tionde december år tjugohundratjugo.

За Европейския парламент
Por el Parlamento Europeo
Za Evropský parlament
For Europa-Parlamentet
Für das Europäische Parlament
Euroopa Parlamendi nimel
Για το Ευρωπαϊκό Κοινοβούλιο
For the European Parliament
Par le Parlement européen
Thar ceann Pharlaimint na hEorpa
Za Europski parlament
Per il Parlamento europeo
Eiropas Parlamenta vārdā –
Europos Parlamento vardu
az Európai Parlament részéről
Ghall-Parlament Ewropew
Voor het Europees Parlement
W imieniu Parlamentu Europejskiego
Pelo Parlamento Europeu
Pentru Parlamentul European
Za Európsky parlament
Za Evropski parlament
Euroopan parlamentin puolesta
För Europaparlamentet

Председател
El Presidente
Předseda
Formand
Der Präsident
Eesistuja
Ο Πρόεδρος
The President
Le Président
An tUachtarán
Predsjednik
Il Presidente
Priekšsēdētājs
Pirmininkas
Az elnök
Il-President
De Voorzitter
Przewodniczący
O Presidente
Președintele
Predseda
Predsednik
Puhemies
Ordförande

За Съвета на Европейския съюз
Por el Consejo de la Unión Europea
Za Radu Evropské unie
For Rådet for Den Europæiske Union
Für den Rat der Europäischen Union
Euroopa Liidu Nõukogu nimel
Για το Συμβούλιο της Ευρωπαϊκής Ένωσης
For the Council of the European Union
Pour le Conseil de l'Union européenne
Thar ceann na Comhairle
Za Vijeće Europske unije
Per il Consiglio dell'Unione europea
Eiropas Savienības Padomes vārdā
Europos Sąjungos Tarybos vardu
Az Európai Unió Tanácsa részéről
Ghall-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea
Voor de Raad van de Europese Unie
W imieniu Rady Unii Europejskiej
Pelo Conselho da União Europeia
Pentru Consiliul Uniunii Europene
Za Radu Európskej únie
Za Svet Evropske unije
Euroopan unionin neuvoston puolesta
För Europeiska unionens råd

Председател
El Presidente
Předseda
Formand
Der Präsident
Eesistuja
Ο Πρόεδρος
The President
Le Président
An tUachtarán
Predsjednik
Il Presidente
Priekšsēdētājs
Pirmininkas
Az elnök
Il-President
De Voorzitter
Przewodniczący
O Presidente
Președintele
Predseda
Predsednik
Puheenjohtaja
Ordförande

За Европейската комисия
Por la Comisión Europea
Za Evropskou komisi
For Europa-Kommissionen
Für die Europäische Kommission
Euroopa Komisjoni nimel
Για την Ευρωπαϊκή Επιτροπή
For the European Commission
Par la Commission européenne
Thar ceann an Choimisiúin
Za Europsku komisiju
Per la Commissione europea
Eiropas Komisijas vārdā –
Europos Komisijos vardu
az Európai Bizottság részéről
Ghall-Kummissjoni Ewropea
Voor de Europese Commissie
W imieniu Komisji Europejskiej
Pela Comissão Europeia
Pentru Comisia Europeană
Za Európsku komisiu
Za Evropsko komisijo
Euroopan komission puolesta
För Europeiska kommissionen

Председател
El Presidente
Předseda
Formand
Der Präsident
Eesistuja
Ο Πρόεδρος
The President
Le Président
An tUachtarán
Predsjednik
Il Presidente
Priekšsēdētājs
Pirmininkas
Az elnök
Il-President
De Voorzitter
Przewodniczący
O Presidente
Președintele
Predseda
Predsednik
Puheenjohtaja
Ordförande

David SASSOLI

Angela MERKEL

Ursula von der LEYEN